MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Numru 23/2011

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**Vs**
**Vincent Cucciardi**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 23 tas-sena 2011 kontra l-akkuzat Vincent Cucciardi [detentur tal-karta tal-identita` numru 112877(M)], li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi nhar l-erbgħa (4) t’Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġranet preċedenti l-akkużat Vincent Cucciardi kellu fil-pussess xjenti tiegħu numru kbir ta’ pilloli li nstabet fihom is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (fil-qosor “MDMA”), liema sustanza hija klassifikata bħala *central stimulant* u li hija kontrollata bil-Liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u liema pilloli huma wkoll magħrufa komunement bħala pilloli *Ecstasy*.

Fil-fatt nhar l-erbgħa (4) t'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) fil-kors t'investigazzjoni li kienu qed jagħmlu l-Pulizija, irriżultalhom li l-akkużat, Vincent Cucciardi, kien fil-pussess ta' kwantita ta' drogi kontra l-Liġi. Dak in-nhar fil-għaxija l-akkużat Vincent Cucciardi kien qiegħed f'garage li huwa juża u li jinsab fin-numru 118, Triq Correa, f'Ħal-Qormi. Bħala parti mill-istħarriġ u l-operazzjoni kontra d-droga li l-Pulizija kienet qed tagħmel, hija talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' perkwisizzjoni mill-Maġistrat tal-għassa kontra l-akkużat Vincent Cucciardi, f'liema operazzjoni ħadu sehem diversi uffiċjali tal-pulizija, fosthom PS1086 Johann Micallef, PC1348, PC733 Joseph Galea, WPC127 Carmen Gauci u PC642 Joseph Camilleri.

Waqt it-tiftix li kienu qed jagħmlu dawn il-Pulizija, kemm fuq il-persuna tal-akkużat kif ukoll fil-garage li kien juża hawn fuq imsemmi, irriżulta li minn fuq il-persuna tal-akkużat instabu żewġ mobile phones (wieħed kien fil-but u l-ieħor kien f'idejh), kif ukoll ammont ta' tminn mija u ħamsin Liri Maltin (Lm850). Fil-garage hawn fuq imsemmi, il-Pulizija sabet ukoll arma tan-nar (pistola), munizzjon, mus, pepper spray kif ukoll is-somma ta' elf u ħames mitt Liri Maltin (Lm1500) (maqsumin fi tlett mazez ta' Lm500 il-waħda) moħbija f'kexxun ta' kaxxa tal-għodda. Instabet ukoll biċċa blokka ta' kulur abjad.

Waqt din il-perkwisizzjoni, il-Pulizija irriżultalha li kien hemm ukoll karozza tal-marka Alfa Romeo, li kienet iġġib in-numru tar-reġistrazzjoni GAT-882 li kienet parkeġġata nofsha barra u nofsha ġewwa dan il-garage. Il-Pulizija fitxew kemm f'din il-karozza, kif ukoll fil-garage hawn fuq imsemmi.

Mill-karozza Alfa Romeo li kienet iġġib in-numru tar-reġistrazzjoni GAT-882 (u senjatament mill-bieba tan-naħa tas-sewwieq) il-Pulizija elevat ħamsin (50) pillola bajda bis-simbolu tal-Euro "€" fuqhom u li minn stħarriġ magħmul minn espert maħtur mill-Qorti irriżulta li f'dawn il-pilloli kollha nstabet fihom is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (fil-qosor "MDMA") hawn fuq imsemmija; aktar tard wara li saret din is-sejba,

l-akkużat kien irrilaxxja stqarrija fil-presenza tal-Ispettur Norbert Ciappara fejn kien ammetta li dawn il-pilloli kienu tiegħu.

Inoltre, fil-garage hawn fuq imsemmi, il-Pulizija sabet ukoll dustbin li fuq l-għatu tiegħu kien hemm basket tal-plastik u li f'dan il-basket kien hemm borża oħra li fiha kien hemm numru sostanzjali ta' pilloli bojod. Irriżulta wara lill-espert maħtur mill-Qorti li f'din il-borża kien hemm 983 il-pillola bajda bis-simbolu tal-Euro "€" fuqhom. Ma dawn il-pilloli kien hemm ukoll 22 bicciet ta' pilloli. Meta l-istess espert analizzahom sab li f'dawn il-pilloli kien hemm is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (fil-qosor "MDMA"), hawn fuq imsemmija; fil-fatt, fl-istqarrija li l-akkużat kien irrilaxxja lil Pulizija aktar tard, għalkemm m'ammettiex li dawn il-pilloli kienu tiegħu, huwa xorta waħda kien ammetta li fil-fatt dan il-garage li fih instabu dawn il-pilloli kien tal-familja tiegħu u kien jużah huwa u missieru.

Inoltre, irriżulta wkoll lill-espert maħtur mill-Qorti li analizza dawn il-pilloli kollha li kien hemm probabbilita kbira ħafna li l-pilloli li kienu misjuba fil-karozza Alfa Romeo GAT-882 kienu gejjin mill-istess "batch" tal-pilloli li nstabu fil-borża hawn fuq imsemmija fil-garage użat mill-akkużat.

Is-sustanza MDMA (li instabet fil-pilloli *ecstasy* kollha hawn fuq imsemmija) hija kontrollata bil-Liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-Sustanza MDMA hija klassifikata bħala mediċina ristretta u psikotropika msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini u fit-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha.

L-imsemmi Vincent Cucciardi ma kienx licenzjat skont il-Ligi biex ikollu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta, f'Malta.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Vincent Cucciardi sar ħati talli, nhar l-erbgħa (4) t'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġranet preċedenti kellu fil-pussess xjenti tiegħu

mediċina psikotropika u ristretta (u cioe' 1033 il-pillola u 22 biċċiet ta' pilloli bojod, u li fihom kien hemm is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (fil-qosor "MDMA") u dan mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuża lill-imsemmi Vincent Cucciardi li sar ħati talli nhar l-erbgħa (4) t'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġranet preċedenti kellu fil-pussess xjenti tiegħu mediċina psikotropika u ristretta, (u cioe' 1033 il-pillola u 22 biċċiet ta' pilloli bojod, u li fihom kien hemm is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (fil-qosor "MDMA") u dan mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv tiegħu;

u talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin Ewro ċenteżmi (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf, erba' mija tmienja u sittin Ewro sebgħa u sittin Ewro ċentezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B), 120B, u 121A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) u fl-artikoli 18, 23, 23A, 23B u 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi Illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha, inkluż dwak ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att t'akkuża, u ċioe nhar l-erbgħa (4) t'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġranet, ġimgħat u xhur preċedenti

l-akkużat Vincent Cucciardi kellu fil-pussess xjenti_tiegħu id-droga kokajina.

Fil-fatt waqt li l-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu l-perkwisizzjoni imsemmija fl-ewwel Kap ta’ dan l-Att t’Akkuża, fil-garage li jinsab fin-numru 118, Triq Correa, f’Ħal-Qormi, il-Pulizija sabet u elevat ukoll biċċa blokka ta’ sustanza li kellha kulur abjad. Fil-fatt, minn eżami tekniku magħmul minn espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti irriżulta li din il-blokka ta’ sustanza bil-kulur abjad kienet droga kokajina fl-ammont totali li ta’ disgħa u erbgħin punt ħamsa grammi (49.5 gr) b’purita ta’ ċirka wieħed u għoxrin fil-mija (21%).

L-akkużat ammetta mal-Pulizija fl-istqarrija tiegħu li huwa kien juża din id-droga kokajina.

Illi d-droga kokajina hija droga speċifikata fl-ewwel skeda mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u l-imsemmi Vincent Cucciardi ma kellux awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni dik id-droga, u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru Responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorità mogħtija mill-Ministru Responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu;
Illi b’għemilu, l-imsemmi Vincent Cucciardi sar ħati talli nhar l-erbgħa (4) t’Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġranet preċedenti kellu fil-pussess xjenti tiegħu id-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li

jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, akkuża lill-imsemmi Vincent Cucciardi li sar ħati talli nhar l-erbgħa (4) t'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġranet, ġimgħat u xhur preċedenti kien fil-pussess xjenti tad-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

U għalhekk talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u li jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u għoxrin euro u seba u tletin ċentezmi (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba' u sittin ċenteżmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak

li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fid-dati u ċirkostanzi kollha imsemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att t'akkuża, u senjatament nhar l-erbgħa (4) t'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġranet, ġimgħat u xhur preċedenti l-akkużat Vincent Cucciardi kellu fil-pussess xjenti_tiegħu id-droga herojina.

Illi wara li l-Pulizija eżegwiet il-mandat t'arrest li kellha fil-konfront tal-akkużat Vincent Cucciardi, nhar il-ħamsa (5) t'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) huwa għażel li jirrilaxxja stqarrija lill-Ispettur tal-Pulizija Norbert Ciappara fejn fiha, l-akkużat kien ammetta li huwa kien juża d-droga herojina u li kien beda jużaha għal ħabta ta' Lulju tal-istess sena. Huwa stqarr ukoll li kien jieħu d-droga meta kien joħroġ fil-week-ends u ma kienx imur għand xi aġenzija jew għal xi għajnuna kontra l-abbuż mid-droga.

Illi d-droga herojina hija droga speċifikata fl-ewwel skeda mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u l-imsemmi Vincent Cucciardi ma kellux awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni dik id-droga, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru Responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru Responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Illi b'għemilu, l-imsemmi Vincent Cucciardi sar ħati talli kellu fil-pussess xjenti tiegħu id-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, akkuża lill-imsemmi Vincent Cucciardi ħati talli nhar l-erbgħa (4) t'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġranet, ġimgħat u xhur preċedenti kellu fil-pussess xjenti tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu;

U għalhekk talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar u mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin

ċenteżmu (€23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), fir-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l-1939) u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fid-dati u ċirkostanzi kollha imsemmija fl-Ewwel Kap ta' dan l-att t'akkuża, u senjatament nhar l-erbgħa (4) t'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) waqt li l-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu tiftix fil-garage numru 118, Triq Correa, Ħal-Qormi, irriżultalhom li f'kexxun ta' kaxxa tal-għodda, l-akkużat Vincent Cucciardi kien qiegħed jaħbi, jżomm u kellu taħt il-kontroll tiegħu f'dan il-garage, u mingħajr liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija, l-arma tan-nar u ċjoe l-pistola tat-tip semi-automatic tad-ditta CALWEST CO, mudell 25, u li għandha n-numru serjali 003854, immanifatturata f'Irvine, il-California, l-Istati Uniti tal-Amerika u li għandha l-kalibru ta' 0.25, kif ukoll munizzjon li kien jikkonsisti fi tliet balal li kienu tal-kalibru 0.25 auto (ċjoe tal-istess kalibru tal-pistola), liema tliet balal kienu tad-ditta PMC, u kienu lkoll ikkargati kif ukoll 24 balla oħra ikkargati li kienu tal-kalibru 7.65 u dawn il-balal kienu tal-marka GFL, ħlief għal waħda li kienet tad-ditta SAKO.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Vincent Cucciardi sar ħati li kien qiegħed iżomm u kellu taħt il-kontroll tiegħu f'dan il-garage bin-numru 118, Triq Correa, Ħal-Qormi arma tan-nar u munizzjon mingħajr liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u

għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, akkuża lill-imsemmi Vincent Cucciardi li sar ħati li nhar l-erbgħa (4) t'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti kien qiegħed iżomm u kellu taħt il-kontroll tiegħu f'dan il-garage bin-numru 118, Triq Correa, Ħal-Qormi arma tan-nar u munizzjon u ċjoe l-pistola tat-tip semi-automatic tad-ditta CALWEST CO, mudell 25, u li għandha n-numru serjali 003854, immanifatturata f'Irvine, il-California, l-Istati Uniti tal-Amerika u li għandha l-kalibru ta' 0.25, kif ukoll munizzjon li kien jikkonsisti fi tliet balal li kienu tal-kalibru 0.25 auto (ċjoe tal-istess kalibru tal-pistola), liema tliet balal kienu tad-ditta PMC, u kienu lkoll ikkargati kif ukoll 24 balla oħra ikkargati li kienu tal-kalibru 7.65 u dawn il-balal kienu tal-marka GFL, ħlief għal waħda li kienet tad-ditta SAKO u dan mingħajr liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

U għalhekk talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn għaxar snin, kif ukoll il-konfiska tal-arma tan-nar u tal-munizzjon, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 3, 5(1), 51(2), 56 u 61, inkluż l-Iskedi I u II tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-eccezzjonijiet tal-akkuzat fejn ecepixxa illi

1. In-nullita` tat-tielet u tar-raba` kap ta' l-att ta' l-akkuza minhabba difetti li jikkonsistu fin-nuqqas ghal kollox tar-rapport ta' l-ufficjal tal-Pulizija, l-ezami ta' l-imputat (ossia esponent) u d-decizjoni li tiddikjara li l-imputat ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza;
2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-piena mitluba fir-raba` kap ta' l-att ta' l-akkuza ma hijiex skond il-ligi u dan ghalkemm l-Avukat jittenta jdahhal zewg reati f'kap wiehed (sic!);
3. L-inammissibilita` ta' l-istqarrija ta' l-esponent u ta' kwalsiasi referenza ghaliha mix-xhieda tal-prosekuzzjoni in kwantu ttiehdet minghajr ma thalla jikkonsulta ma'

avukat kif ukoll minghajr l-assistenza ta’ avukat waqt l-interrogatorju.

Ikkunsidrat.

B’referenza ghall-ewwel eccezzjoni l-akkuzat argumenta li t-tielet (3) u r-raba’ (4) Kap huma akkuzi mizjuda illi ma gewx quddiem il-Magistrat u ma saritx kompilazzjoni dwarhom u ergo la ma sarx l-ezami ta’ l-imputat allura dawn in-nuqqasijiet igibu n-nullita ta’ dawk il-Kapi, dana skont id-dispost ta’ l-Artiklu 597(4) tal-Kap 9. Dan l-Artiklu jghid l-Att ta’ l-akkuza ma jistax jigi attakkat minhabba difett fl-Atti tal-kumpilazzjoni hlief fost affarijiet ohra jekk dan id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox tar-rapport ta’ l-Ufficjal tal-Pulizija jew ta’ l-ezami ta’ l-imputat jew tad-decizjoni li tiddikjara li l-imputat ghandu jitqieghed tah att ta’ akkuza.

Ikkunsidrat.

Minn ezami akkurat ta’ l-Att ta’ l-akkuza jidher illi huwa minnu illi originarjament quddiem il-Magistrat saret kumpilazzjoni dwar il-pussess ta’ eroina u ecstasy, dawna huma riprodotti fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) kap ta’ l-Att ta’ l-akkuza illi dwarhom ma hemmx kontestazzjoni. It-tielet (3) kap huwa tal-pussess xjenti tad-droga eroina u r-raba’ (4) wiehed illi kellu l-pussess ta’ pistola minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. dawn iz-zewg kapi gew mizjuda mill-Avukat Generali sforz ta’ l-Artiklu 435(1) tal-Kap 9 li jghid lil-Avukat Generali jista jigbor u jgib provi ohra ma dawk illi jkunu giebu fil-kumpilazzjoni: “izda ma jista jdahhal fl-Att ta’ l-akkuza ebda reat li l-akkuza tieghu ma tkunx tista tohrog mill-kumpilazzjoni li tkun saret”. Din l-ahhar proviso qeghda fin-negattiv quindi l-invers ikun possibli illi l-Avukat Generali jdahhal fl-Att ta’ l-akkuza reat illi l-akkuza tieghu tkun tohrog mill-kumpilazzjoni. It-tielet (3) akkuza li tirrigwarda l-pussess volut tad-droga eroina, rrizultat waqt il-kumpilazzjoni nnifisha u dan ir-reat hu kompriz u nvolut fl-ewwel kap, allura din il-Qorti ma tara l-ebda ostakolu ghall-Avukat Generali li jinkludih f’dan l-att ta’ l-akkuza. Rigward ir-raba’ (4) kap dwar il-pussess volut ta’ arma tan-nar dina wkoll tirrizulta mill-

kumpilazzjoni, pero' mhuwiex kompriz u nvolut fir-reati l-ohra fl-Att ta' kumpilazzjoni, ghalhekk suppost jidhlu in vigore l-provedimenti tas-sub Artiklu 2 ta' l-Artiklu 435. dan is-sub Artiklu pero' jitkellem dwar provi godda li jkun mehtieg illi ssir kumpilazzjoni dwarhom, izda r-reat imsemmi f'dan ir-raba' (4) kap jaqa' taht il-kompetenza originali tal-Magistrat u ma hemmx ghalfejn issir kumpilazzjoni dwarha (ara Artiklu 370 tal-Kap 9).

Ghalhekk fuq dan ir-reat hemm dak li huwa maghruf bhala "concurrent jurisdiction" kemm mill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll mill-Qorti Kriminali u bis-sahha ta' l-Artiklu 436(4) jistghu jingiebu quddiem il-Qorti Kriminali sew ghax ikunu konnessi mar-reat aktar gravi migjub fl-Att ta' l-akkuza kemm ghax ikunu maghmulin mill-istess persuna akkuzata ta' dak ir-reat aktar gravi. F'dan ir-raba' (4) kap l-akkuzat qed ikun mixli bil-pussess ta' din l-arma kif ukoll ta' dawk ir-reati aktar gravi msemmija fl-Att ta' l-akkuza.

Ghalhekk id-difiza mhijiex pregudikata bl-inkluzjoni ta' dawn iz-zewg akkuzi u l-Qorti ma tara xejn irregolari fihom.

Rigward it-tieni eccezzjoni l-appellant qieghed jilmenta li l-piena mitluba fir-raba' (4) kap ta' l-Att ta' l-akkuza mhijiex skont il-Ligi. F'dan il-kap l-Avukat Generali qieghed jitlob ghal kundanna ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn tliet (3) xhur u mhux izjed minn ghaxar (10) snin kif ukoll il-konfiska ta' l-arma tan-nar u munizzjon u kkwota nsostenn tat-talba tieghu fost ohrajn l-Artiklu 51(2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat.

Minn ezami ta' l-Artiklu 51(2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib illi dana jirreferi ghall-Artiklu 5(1) ta' l-istess Kap u jicensura nnuqqas ta' licenzja ghal zamma, pussess, esportazzoni jew importazzjoni ta' arma tan-nar u munizzjon u jipproskrivi piena ta' mhux anqas minn tliet (3) xhur izda mhux iktar min hames (5) snin. Huwa l-Artiklu 51(1) tal-Kap 480 illi waqt illi jirreferi ghall Artiklu 3 ta' l-istess Att jippreskrivi piena ghola mhux inqas minn

tliet (3) xhur sa massimu ta'ghaxar (10) snin kif ukoll multa. Dan l-Artiklu pero' mhuwiex invokat mill-Avukat Generali li nvoka biss l-Artiklu 51(2) tal-Kap 480 li kif ga inghad jippreskrivi terminu ta'mhux inqas minn tliet (3) xhur ghal mhux iktar minn hames (5) snin. Ghalhekk din l-eccezzjoni ta' l-akkuzat tidher li hija fondata u dan ir-raba' (4) kap ta' l-Att ta' l-akkuza ghandu jigi koregut biex jirrifletti l-vera piena kif kontemplata fl-Artiklu kkwotat 51(2).

It-tielet eccezzjoni ta' l-akkuzat tirrigwardja l-inammissibilita ta' l-istqarrija tieghu u qualsiasi referenza ghalih nkwantu ttiehdet minghar ma jithalla jikkonsulta ma avukat fil-bidu ta' l-arrest tieghu.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt, fejn filwaqt li rrikonexxiet il-gurisprudenza ricenti in materja, dejjem irriteniet illi l-istqarrija tibqa' ammessibli. B'digriet moghti minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta kontra Sergii Nykytiuk tat-2 ta' Settembru, 2011 il-Qorti ghamlitha cara li l-fatt jekk l-akkuzat kienx assistit jew le fil-bidu ta' l-arrest tieghu huwa wiehed li jirid jigi determinat minn min ghandu s-setgha li jiggudika l-fatti u cioe' l-gurija. Jekk waqt il-provi jirrizulta bhala fatt illi l-akkuzat ma kienx moghti dak id-drit allura f'dak il-kaz il-gurati jigu ndirizzati illi dan ikollu certa konsegwenzi fuq l-istqarrija, pero' din l-istqarrija ma tistax "a priori" tigi sfilzata jew ma tigix moghtija lill-gurati. L-istqarrija ghadha tibqa' fl-Atti bhala wahda mill-provi tal-prosekuzzjoni u tigi moghtija wkoll lill-Gurati suggetta ghad-direzzjoni fuq imsemmija skont x'jirrizulta bhala fatt mill-provi.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-ewwel (1) u t-tielet (3) eccezzjoni ta' l-akkuzat izda tilqa' t-tieni (2) eccezzjoni fis-sens tad-direzzjoni kif fuq inghad. Peress illi ma jidhirx illi hemm eccezzjonijiet ohra x'jigu kkunsidrati l-Qorti tiddeferixxi l-kawza *sine die* biex tistenna t-turn taghha halli tigi appuntata bhala guri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------